# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 8 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 86/2022 ISB**

**Dr. Antoine Naudi [K.I. 448570M] bhala mandatarju specjali tal-kumpanija estera GoCaMaRIS GmbH [Numru ta' registrazzjoni HRB 147016]**

**-vs-**

**Breezedays Cruises Ltd (C-93698)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' l-**Av. Dr Antoine Naudi noe** intavolat fid-29 ta' Awissu 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-kumpanija intimata jirrizultaw il-fatti u c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi jimmeritaw ix-xoljiment tal-kumpanija intimata;*
2. *Tiddikjara u tiddeciedi ulterjorment illi fil-kumpanija intimata jezistu wkoll ragunijiet gravi bizzejjed kontemplati fl-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement stralc tal-kumpanija intimata;*
3. *Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpanija intimata ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) u/jew l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*
4. *Tahtar stralcarju sabiex jiehu hsieb l-istralc tal-kumpanija intimata bis-setghat kollha mehtiega u taghti dawk l-ordnijiet applikabbli skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi fir-rigward tal-kondotta tal-istess stralc;*
5. *Taghti kull provvediment iehor, inkluzi ordnijiet interim, kif jidhrilha xieraq u opportun.*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi l-kumpanija intimata giet inkorporata fis-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2019 u ghandha kapital azzjonarju awtorizzat u mahrug ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) 20% mhallsa u dan kif jirrizulta mill-estratt tal-Authorised Shares tal-kumpanija intimata mehud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry (ara estratt anness u mmarkat 'DOK A');*
2. *Illi fil-kumpanija intimata hemm tlett azzjonisti u cioe` l-kumpanija estera BIAB Hausverwaltungs GmbH [Numru ta' registrazzjoni HRB 205654] li hija proprjetarja ta' tlett mija u sittin (360) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1), il-kumpanija estera Breezedays Group SA [Numru ta' registrazzjoni B201443] li hija proprjetarja ta' erba' mija u tmenin (480) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1) u l-kumpanija rikorrenti estera GoCaMaRIS GmbH [Numru ta' registrazzoni HRB 147056] li hija proprjetarja ta' tlett mija u sittin (360) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1), u dan kif jirrizulta mill-estratt tal-Involved*

*Parties tal-kumpanija intimata mehud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry (ara 'DOK B' anness);*

3. *Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri, il-kumpanija intimata ilha minghajr diretturi ghal aktar minn sitt (6) xhur, bi ksur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandha tigi xolta minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt stess illi l-kumpanija intimata ilha minghajr diretturi ghal aktar minn sitt (6) xhur, fih innifsu huwa raguni gravi bizzejjed illi jiggustifika ix-xoljiment u konsegwentement stralc tal-kumpanija intimata ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok A sa Dok B) (fol 3 sa fol 4).

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2022, fejn ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2022 fil-11:30am.

Rat in-Nota tar-rikorrent noe. tad-19 ta' Settembru 2022 kontenenti l-affidavit tar-rikorront noe.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta Marzu 2023, gie dikjarat illi s-socjeta' intimata kienet notifikata pero` hija naqqset milli tipprezenta risposta, u ghalhekk kienet qed titqies fi stat ta' kontumacja.

Semghet ix-xhiedha ta Dr Claudette Fenech in rapprezentanza tal-MBR fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2023, f'liema seduta il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti noe ai termini tal-Artikoli **214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **r-rikorrenti noe**. jikkontendi illi s-soċjeta` intimata Breezedays Cruises Limited hija kumpanija reġistrata f'Ottubru 2019 b'kapital azzjonarju awtorizzat ta' elf u mitejn euro li minnhom ghoxrin fil-mija huma mhallsa. Jispjega illi din il-kumpannija kienet inkorporata bejn tlett azzjonisti, ossia, socjeta' estera bl-isem ta' **BIAB Hausverwaltungs GmbH** [Numru ta' registrazzjoni HRB 205654] li hija proprjetarja ta' tlett mija u sittin (360) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1), il-kumpanija estera **Breezedays Group SA** [Numru ta' registrazzjoni B201443] li hija proprjetarja ta' erba' mija u tmenin (480) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1) u l-kumpanija rikorrenti estera **GoCaMaRIS GmbH** [Numru ta' registrazzoni HRB 147056] rapprezentata minnu li hija proprjetarja ta' tlett mija u sittin (360) sehem ordinarju tal-valur ta' Ewro (€1).

Jispjega illi l-kumpanija intimata ilha minghajr diretturi ghal aktar minn sitt (6) xhur, bi ksur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandha tigi xolta minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi fix-xhieda tagħha **Dr Claudette Fenech bħala rappreżentatriċi tal-*Malta Business Registry*** ddikjarat illi l-kumpannija kienet ilha minghajr direttur sa minn Lulju 2021.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-proċedura odjerna hija bbażata fuq l-**artiklu 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386** li jipprovdi hekk:

> *kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *in-numru ta' diretturi jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes għal aktar minn sitt xhur;*

Jirriżulta illi dak kollu premess mir-rikorrenti noe. mhux biss ġie kkonfermat mill-Malta Business Registry iżda huma provi li ma humiex bl-iċken mod kontradetti.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ppruvat għall-Qorti illi l-kumpannija in kwistjoni, **Breezedays Cruises Ltd (C 93698)** ilha minghajr direttur, wisq anqas il-minimu preskritt bil-ligi, għal diversi snin, ferm aktar mis-sitt xhur preskritti bil-liġi. Illi dawn il-fatti mhux biss huma kkonfermati mid-

dokumenti esebiti mill-Malta Business Registry iżda huma ukoll provi mhux kontradetti mill-kumpannija intimata.

**Il-provi inkontestati ma jħallu ebda dubbju f'moħħ il-Qorti illi ġew sodisfatti il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 214(2)(b)(ii) biex il-Qorti tkun tista' tordna illi l-kumpannija Breezedays Cruises Ltd (C 93698) tiġi xjolta u stralċjata.**

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultaha l-Qorti, din il-Qorti **tgħaddi biex tilqa it-talbiet tar-rikorrenti noe.** billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara** illi ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, is-soċjeta' intimata **Breezedays Cruises Ltd (C 93698)** ilha minghajr diretturi appuntati kif jirrikjedi l-Artikolu 137 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta ghal aktar minn sitt xhur.

2. **Tastjeni milli tippronunzja dwar it-tieni talba.**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna** x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' intimata **Breezedays Cruises Ltd (C 93698)** u dan b'effett mid-29 ta' Awissu 2022 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. **Tinnomina u taħtar bhala stralċatarju** tas-soċjeta' **Breezedays Cruises Ltd (C 93698)** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Breezedays Cruises Ltd (C 93698)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

5. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ komprizi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mir-rikorrenti noe u mis-soċjeta intimata flimkien u in solidum bejniethom.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**